# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001 .

## Avviz numru : 125/98G2(PC)

**Ian Xuereb .**

**vs**

**Mary Grech .**

**Il-Qorti ,**

**Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni minnu sofferti konsegwenza ta' incident stradali li gara fit-tnax (12) ta' Marzu tal-elf disa'mija u sebgha u disghin (1997) fi Triq Wied Sara, limiti tal-Ghasri, Ghawdex, bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittra D-4706 misjuqa mill-konvenuta u vettura bin-numruta' registrazzjoni ittri I-0573 appartenenti lill-attur u dana previa d-dikjarazzjoni li l-istess incident gara unikament minhabba traskuragni imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja mibghuta fl-10 ta' Marzu 1998 u tal-ittri ufficjali spediti f'April 1998 u dikipprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz lil kumpanija assikuratrici .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet illi :**

1. **It-talba attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-attur u dan minhabba traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku .**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-digriet taghha fil-kawza fl-ismijiet inversi quddiem din il-Qorti wkoll (Avviz Numru : 2/1999) fejn laqghet it-talba ta' l-attrici f'dik il-kawza li din il-kawza tinstema' kontestwalment mal-kawza indikata .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta l-istess incident stradali mertu tal-kawza indikata li giet deciza llum wkoll u ghalhekk qed issir referenza shiha ghal dak li qalet din l-istess Qorti fis-sentenza taghha f'dik il-kawza, fejn gie deciz illi l-partijiet jahtu ndaqs ghall-habta in kwistjoni .**

**Flimkien ma' l-affidavit tieghu l-attur ipprezenta wkoll tliet dokumenti li jirraprezentaw l-ispejjez minnu inkorsi in segwitu ghal din il-kollizjoni . Dawn jinsabu esebiti bhala "Dokti. IX 1, 2, u 3" rispettivament, u f'ammont totali ta' Lm718.70 . Dawn il-kontijiet ma gew bl-ebda mod ikkontestati mill-konvenuta u l-Qorti lanqas ma ssib xi raguni ghaliex m'ghandhiex taccettahom bhala li jirraprezentaw l-ispejjez verament mehtiega sabiex saru t-tiswijiet fuq il-vettura ta' l-attur . Billi a tenur tas-sentenza taghha moghtija llum stess, gie deciz li l-partijiet jahtu ugwalment ghal din il-kollizjoni, il-konvenuta hija obbligata thallas biss nofs l-ispejjez inkorsi sabiex issewwwiet il-karozza ta' l-attur . Dan ifisser ghalhekk illi ghandha thallas is-somma ta' Lm359.35 .**

**Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, ghal l-istess ragunijiet indikati fis-sentenza taghha ta' llum stess fil-kawza Avviz 2/1999 fl-ismijiet "Mary Grech vs Ian Xuereb", tiddikjara illi ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza huma responsabbli fi grad ugwali z-zewg kontendenti, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur nofs l-ispejjez likwidati, u cioe' s-somma ta' tliet mija disa' u hamsin lira maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm359.35) .**

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-partijiet .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

Si12598Pc